OMBUDSMAN

MALTA

**Każ Nru HR 0022**

30 ta' Ġunju 2017

Is-Sur Nicholas Grech
Male Ward 3A
Sptar Monte Carmeli
H'Attard

Għażiż Sur Grech

*Dwar: Ilment kontra Dr David Cassar*

Nirreferi għall-ittra tiegħek tat-22 ta' Ġunju 2017.

Irrid ngħidlek dan li ġej:

a. Il-Kummissarju għas-Saħħa ma jistax jindaħal fejn tidħol deċiżjoni klinika. Fil-fatt l-Att dwar l-Ombudsman, paragrafu 23, tal-Avviż Legali Nru 250 tal-2012, jgħid "*Il-Kummissarju għas-Saħħa m'għandu jinvestiga ebda azzjoni li tittieħed minn professjonisti fil-kura medika fl-eżerċizzju tal-ġudizzju mediku u kliniku tagħhom għad-dijanjosi ta' xi marda jew il-kura ta' pazjenti...*";

b. Inti tista' tressaq l-ilment tiegħek f'dan ir-rigward mal-Kunsill Mediku;

c. Kif diġà qallek il-Kummissarju għas-Saħħa Mentali inti tista' titlob lill-Amministrazzjoni tal-Isptar Monte Carmeli sabiex jinbidel il-Konsulent li inti qiegħed taħt il-kura tiegħu;

d. Il-Kummissarju għas-Saħħa Mentali ha ħsieb sabiex jitlaqqa' il-*Mental Health Review Committee* li ta il-parir tiegħu lill-Ministru tal-Ġustizzja;

Office of the Ombudsman | 11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
Phone: +356 2248 3210 | Fax: +356 2124 7924 | Email: office@ombudsman.org.mt

www.ombudsman.org.mt

e. Dan l-Uffiċċju diġà kiteb lill-Ministru tal-Ġustizzja sabiex naraw xi żvilupp kien hemm wara l-azzjoni li ha l-*Mental Health Review Committee*.

Għalhekk ma jidhrilhix li l-Kummissarju għas-Saħħa f'dan l-Uffiċċju naqas minn dmirijietu. Nassigurak li kemm hu, kif ukoll jien se nibqgħu nsegwu l-każ tiegħek u ninformak immedjatament malli jkollna tweġiba x'nagħtuk.

Inselli għalik

A C Mifsud
Ombudsman

Office of the Ombudsman | 11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
Phone: +356 2248 3210 | Fax: +356 2124 7924 | Email: office@ombudsman.org.mt
www.ombudsman.org.mt